StudentBounty.com

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

Rotta 1

**IT-TIENI SENA** **MALTI** **ĦIN: SAGĦTEJN**

**Isem:** _______________________________________ **Klassi:** ________________

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA:**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 18 | 28 | 12 | 12 | 30 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## A. Silta għall-qari (18-il marka)

# *Popeye* fl-inkwiet!



Fl-Ingilterra qed jaħsbuha serjament li jintroduċu liġi li permezz tagħha films li fihom jidhru nies ipejpu jingħataw *rating* ta' 18. B'hekk jevitaw li t-tfal jarawhom u jdaħħlu f'moħħhom li jistgħu jpejpu.

Ħafna kienu maħsuda b'din l-aħbar għax *rating* ta' 18 tingħata lil films b'kontenut vjolenti jew sesswali. Imma l-ħsieb hu li t-tfal jinżammu 'l bogħod mit-tipjip.

Jekk din il-liġi tgħaddi jkun ifisser li taħt il-mannara se jaqgħu wkoll films klassiċi tat-tfal bħal *Popeye, 101 Dalmations* u *Peter Pan*, films li normalment isibu posthom fl-iskedi televiżivi fi żmien il-Milied u l-Għid.

(addattament minn kitba li dehret fil-*Gwida* ta' Lulju 2010)

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tagħmel sing taħtha: (6)

i. Fl-Ingilterra hemm ċans li jgħaddu liġi ġdida dwar (it-tipjip, ix-xorb alkoħoliku, il-films).

ii. Films li fihom jidhru nies (ipejpu, jixorbu, jisirqu) se jingħataw *rating* ta' 18.

iii. Dan ħalli (l-ġenituri, t-tfal, l-għalliema) ma jarawhomx u jitħajru jpejpu.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Mis-silta sib u ikteb il-kelma li jonqos:

i. *Rating* ta' 18 jingħata lil films v__________.

ii. Jingħata wkoll lil films b'k__________ sesswali.

iii. Il-veru ħsieb hu li t-tfal ma jidrawx i__________.

3. Veru jew Falz? (6)

i. Jekk il-liġi tgħaddi, it-tfal ma jarawx *Popeye*. __________

ii. Dan għaliex *Popeye* ipejjep. __________

iii. Films klassiċi s-soltu narawhom fis-sajf. ___________

## B. Lingwa (28 marka)

1. Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B bħal fl-eżempju: (6)

| Kolonna A | | Kolonna B | |
|---|---|---|---|
| 1 | wiżna | | kunserva |
| 2 | ponn | | ħajt  |
| 3 | bott | | għaġin  |
| 4 | balla | | ħawħ  |
| 5 | bixkilla | 1 | patata  |
| 6 | platt | | melħ |
| 7 | rukkell | | tiben |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Żid il-kelma addattata li tfisser "ħafna ħafna" mill-kaxxa t'isfel bħal fl-eżempju: (6)

kiesaħ <u>silġ</u> 

ħafif __________ 

iswed __________

aħdar __________

nadif __________ 

aħmar __________ 

dlam __________

| tazza, rixa, **silġ**, ħaxix, ċappa, nar, tuta |
|---|

3. Għaqqad Kolonna (A) ma' Kolonna (B) u ma' Kolonna (Ċ) bħal fl-eżempju: (8)

| **Kolonna A (verb)** | | **Kolonna B (mamma)** | | **Kolonna Ċ (għerq)** | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | nsuqu | | beka  | | f-r-ħ |
| 2 | fraħna | | niżel  | **1** | s-w-q |
| 3 | nibki | | feraħ  | | b-k-j |
| 4 | naqraw | **1** | saq  | | q-r-j |
| 5 | nżilna | | qara  | | n-ż-l |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

4. Agħmel sing taħt il-pronomi magħżulin bħal fl-eżempju.
(8)

i. Jiena Anna Fava u noqgħod 15, Triq l-Iljuni, Buġibba.

ii. Dak it-tifel jiġi minni u dik minnek.

iii. Poġġi dawn il-flus f'idejk, u dawk fil-karus.

iv. Min jirbaħ il-lotterija tas-*Super 5* u oħrajn mimlijin dejn.

v. Ġara kif qalu huma u mhux kif qal kulħadd.

## Ċ. Malti Prattiku (12-il marka)

Int se torganizza *party* f'għeluq sninek u se tistieden lil diversi ħbieb. Xi wħud qatt ma ġew id-dar tiegħek. Imla l-vojt bil-kliem fil-kaxxa t'isfel biex tgħidilhom kif l-aħjar li jaslu f'darek.



1. __________il-karozza numru 32 mill-venda tal-karozzi tal-linja f'Bieb il-Belt.
2. Wara li _________ minn ħdejn l-*Air Terminal* tal-ajruport tal-Gudja, il-karozza tgħaddi minn taħt il-mina tal-ajruport.
3. Kif _________ mill-mina, il-karozza _________ mar-*roundabout* u tikser għad-dritt biex tasal ħdejn il-knisja ta' Ħal-Kirkop. Hawnhekk ċempel għax tkun __________.
4. Triq il-Ġilju qiegħda fuq __________tal-lemin tal-knisja.
5. Id-dar jisimha "Il-Kenn".

| tgħaddi, in-naħa, Aqbad, toħroġ, wasalt, ddur |
|---|

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# D. Letteratura (12-il marka)

## i. Proża

Imla l-vojt bil-kliem fil-kaxxa t'isfel: (6)

Fil-____________ tal-knisja Toni kien dejjem sejjer. Jixkatla l-______________ u jagħtihom il-minju. Jistokka l-pilandri bil-ġibs. Jiżbogħ it-_____________, u fuq kollox, il-bnadar. Kien jiġbor il-_____________ biex jagħmel il-____________, u mal-ftit li jiġbor iżid il-ħafna minn ____________.

(addattament minn **Fuklar Qadim u Bnadar Imċarrta** ta' Trevor Żahra)

| antarjoli, flus, maħżen, butu, ġodda, trofej |
|---|

## ii. Poeżija



Jonfoħ, jitħabat, jilheġ,
Marbut u mxekkel sewwa,
Il-barri għajjien mejjet,
Sa fl-aħħar daħal ġewwa;
U xħin fil-bitħa huwa xamm ir-riħa
Li kienet tixhed it-tixrid tad-dmija,
Il-barri għajjat, u b'din l-għajta tiegħu,
Kexkex il-biċċerija.
……

(silta mill-poeżija **Il-Barri** ta' Ġorġ Pisani)

Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tirriga sinjal taħtha: (6)

(a) Il-(muntun, barri, kelb) għajjien mejjet.
(b) Kien qiegħed (jiġri, jimxi, jonfoħ).
(ċ) Il-barri daħal fil-(biċċerija, pixkerija, maħżen).
(d) Fil-bitħa xamm riħa ta' (nbid, ikel, demm).
(e) Għalhekk (nafar, għajjat, ġera).
(f) U (werwer, kisser, ħarbat) il-biċċerija.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## E. Kitba ta' sentenzi / paragrafi (30 marka)

1. Qiegħed in-numri 2 sa 6 ħdejn il-paragrafi ħalli tkompli l-bijografija ta' Kelinu Xuereb, in-nannu ta' student fit-tieni sena tas-sekondarja. (10)

| | |
|---|---|
| Wara t-Tieni Gwerra Dinjija daħal pulizija u serva fil-*Water Police*. F'dan iż-żmien iżżewweġ lil Pawla, in-nanna, u marru joqogħdu r-Rabat, Għawdex. | |
| Kelinu Xuereb, missier missieri, twieled fir-raħal tax-Xewkija fl-1921. | **1** |
| Huma kellhom tlett itfal, wieħed minnhom missieri. | |
| Fil-familja kienu għaxra, u hu kien it-tmien wild. Trabba fir-raħal tax-Xewkija, fejn attenda l-iskola primarja. | |
| Lin-nannu Kelinu niftakru xiħ bil-bastun. Imma dejjem kien bit-tbissima fuq wiċċu. In-nannu miet ħmistax-il sena ilu. | |
| Minn età żgħira kien jgħin lil missieru fl-għalqa. Imma ta' sittax-il sena daħal suldat mat-truppi Ingliżi u kien stazzjonat il-Mosta. | |

**U**

2. Ikteb l-istorja ta' dawn l-istampi f'madwar **100** kelma. Dan il-kliem jista' jgħinek: Anna u Patrick; razzett tan-nannu; tiġieġ u papri; ħnieżer; *pony*; frott; lura lejn id-dar. (20)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers